

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10556 — BELLIS / KKR / JAJA)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2021/C 489/04)

1. Fis-26 ta' Novembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Bellis Phantom Holdco Limited ("Bellis", ir-Renju Unit), ikkontrollata bi sħab minn Mohsin Issa u Zuber Issa ("Issa Brothers") minn naħa waħda u TDR Capital LLP ("TDR Capital") min-naħa l-oħra
- KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerka), kif ukoll
- Jaja Finance Holding (UK) Limited ("Jaja", ir-Renju Unit).

CDPQ and OTPP jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' CMLIC kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Bellis hija veikolu bi skop speċjali, ikkontrollata minn Issa Brothers u TDR Capital.
- Issa Brothers huma fundaturi tal-grupp Euro Garages.
- TDR Capital hija kumpanija ta' ekwità privata, attiva f'varjetà ta' setturi inkluż il-bejgħ tal-fjuwil tal-magni u tal-merċa, gyms u klabbs tas-saħħa, pubs u ristoranti, xiri ta' dejn, assigurazzjoni tal-ħajja u oħrajn.
- KKR hija ditta ta' investment globali li toffri ġestjoni tal-assi alternattivi u soluzzjonijiet tas-swieq tal-kapital u tal-assigurazzjoni.
- Jaja hija attiva fir-Renju Unit fil-forniment ta' servizzi ta' ħruġ ta' karti tal-kreditu u soluzzjonijiet ta' hłas co-branded.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, ta' min jinnotta li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10556 — BELLIS / KKR / JAJA

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz tal-posta:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---